A.L. 429 ta' l-2003

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw l-Iskeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 146(2) ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw l-Iskeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2004.

Jemenda t-Taqsima II ta' l-Iskeda.

2. It-Taqsima II ta' l-Iskeda għandha tiġi emendata kif ġej:–

(a) fil-paragrafu (i) tal-partita 46 tagħha, minflok il-kliem "ħmistax-il ċenteżmu" għandhom jidħlu l-kliem "tletin ċenteżmu";

(b) fil-paragrafu (iii) tal-partita 46 tagħha, minflok il-kliem "għaxar ċenteżmi" għandhom jidħlu l-kliem "għoxrin ċenteżmu", u minflok il-kliem "ħamsa w għoxrin ċenteżmu" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin ċenteżmu"; u

(ċ) fil-partita 49 tagħha, wara l-kliem "mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-affarijiet nutarili kif delegat mill-imsemmi Ministru għal dan il-għan,".